DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/919

tat-8 ta' Ġunju 2022

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/381/KE fir-rigward tal-kwestjonarju għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2022) 3604)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

(2) Fl-Anness tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/381/KE ([2]) tistabbilixxi kwestjonarju li għandu jintuża mill-Istati Membri għat-tfassil ta' rapporti annwali li għandhom l-għan li jistabbilixxu rendikont dettaljat tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.

(3) Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) emendat id-Direttiva 2003/87/KE sabiex tirrifletti l-impenn li l-Kunsill Ewropew daħal għalih fl-2014 biex sal-2030 l-emissjonijiet kumplessivi tal-gassijiet serra tal-Unjoni jitnaqqsu b'tal-inqas 40 % taħt il-livelli tal-1990.

(4) Sabiex jiġu implimentati l-emendi tad-Direttiva (UE) 2018/410, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 ([4]) stabbilixxa regoli riveduti għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' *data* dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-attivitajiet skont id-Direttiva 2003/87/KE fil-perjodu ta' negozjar tal-iskema tal-Unjoni għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li jibda fl-1 ta' Jannar 2021 u perjodi sussegwenti ta' negozjar. Barra minn hekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 ([5]) stabbilixxa dispożizzjonijiet riveduti għall-verifika tar-rapporti ppreżentati skont id-Direttiva 2003/87/KE u għall-akkreditament u s-superviżjoni tal-verifikaturi. Dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni stabbilixxa wkoll dispożizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-verifikaturi u l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-entitajiet tal-akkreditament skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2003/87/KE. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 japplika għall-verifika tad-*data* dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-tunnellati-kilometri mill-1 ta' Jannar 2019 kif ukoll għall-verifika tad-*data* rilevanti għall-aġġornament tal-parametri referenzjarji *ex ante* u għad-determinazzjoni tal-allokazzjoni bla ħlas għall-installazzjonijiet.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/381/KE tal-4 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi kwestjonarju għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 126, 19.5.2005, p. 43).

([3]) Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-*data* u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94).

(5) Barra minn hekk, ir-regoli għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet ġew aġġornati bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 ([6]) u bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842 ([7]).

(6) Huwa għalhekk neċessarju li fid-Deċiżjoni 2005/381/KE jiġu riflessi l-emendi għad-Direttiva 2003/87/KE u għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni relatati. Barra minn hekk, l-esperjenza ulterjuri li kisbu l-Istati Membri u l-Kummissjoni matul l-użu tal-kwestjonarju wriet il-ħtieġa għal titjib fl-effiċjenza tar-rappurtar u fil-koerenza tal-informazzjoni rrappurtata.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2005/381/KE tiġi emendata kif xieraq.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2005/381/KE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
Viċi President Eżekuttiv

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842 tal-31 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' arranġamenti ulterjuri għall-aġġustamenti għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet minħabba bidliet fil-livell tal-attività (ĠU L 282, 4.11.2019, p. 20).

ANNESS

"ANNESS

KWESTJONARJU DWAR L-APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA 2003/87/KE

1. **Dettalji tal-istituzzjoni li qed tissottometti r-rapport**

Isem u dipartiment tal-organizzazzjoni:

Isem il-persuna ta' kuntatt:

Titlu tal-impjieg tal-persuna ta' kuntatt:

Indirizz:

Numru tat-telefon internazzjonali:

Posta elettronika:

2. **Awtoritajiet responsabbli fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS) u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet**

Il-mistoqsijiet f'din it-taqsima għandhom jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2022 u f'rapporti sussegwenti jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

2.1. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok iddikjara l-isem, l-abbrevjazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti involuti fl-implimentazzjoni tal-EU ETS għall-installazzjonijiet u għall-avjazzjoni fl-Istat Membru tiegħek. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Isem	Abbrevjazzjoni	Tip ta' awtorità kompetenti [1]	Numru [2]	Dettalji ta' kuntatt [3]

[1] Jekk jogħġbok agħżel mill-kaxxa li tinżel: awtorità kompetenti ċentrali, awtorità kompetenti reġjonali, awtorità kompetenti lokali, oħrajn. Jekk l-awtorità kompetenti tkun awtorità kompetenti ċentrali, in-numru ta' awtoritajiet kompetenti ma għandux għalfejn jimtela.

[2] Jekk jogħġbok speċifika n-numru ta' awtoritajiet kompetenti fil-każ li jintgħażlu awtoritajiet kompetenti reġjonali jew lokali fil-kolonna tax-xellug.

[3] Jekk jogħġbok agħti n-numru tat-telefon, l-indirizz tal-email u l-indirizz tas-sit web.

Qed tuża l-korp nazzjonali ta' akkreditament maħtur skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] biex takkredita l-verifikaturi li qed iwettqu verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, tar-rapporti dwar id-*data* tal-linja bażi, tar-rapporti dwar id-*data* tal-entranti ġodda jew tar-rapporti annwali dwar il-livell ta' attività? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok iddikjara l-isem, l-abbrevjazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt ta' dak il-korp nazzjonali ta' akkreditament.

Isem	Abbrevjazzjoni	Dettalji ta' kuntatt [1]

[1] Jekk jogħġbok agħti n-numru tat-telefon, l-indirizz tal-email u l-indirizz tas-sit web.

Stabbilejt awtorità nazzjonali ta' ċertifikazzjoni biex tiċċertifika l-verifikaturi skont l-Artikolu 55(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 [2]? Iva/Le

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u t-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-*data* u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94). Dak ir-Regolament jissostitwixxi r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 600/2012.

Jekk iva, jekk jogħġbok iddikjara l-isem, l-abbrevjazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità nazzjonali ta' ċertifikazzjoni billi tuża t-tabella ta' hawn taħt.

Isem	Abbrevjazzjoni	Dettalji ta' kuntatt ([1])

([1]) Jekk jogħġbok agħti n-numru tat-telefon, l-indirizz tal-email u l-indirizz tas-sit web.

Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok iddikjara l-isem, l-abbrevjazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-amministratur tar-reġistru fl-Istat Membru tiegħek.

Isem	Abbrevjazzjoni	Dettalji ta' kuntatt ([1])

([1]) Jekk jogħġbok agħti n-numru tat-telefon, l-indirizz tal-email u l-indirizz tas-sit web.

2.2. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika liema awtorità kompetenti hija responsabbli għall-kompiti li ġejjin, billi tuża l-abbrevjazzjoni tagħha. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Jekk jogħġbok kun af li jekk xi kaxxa fit-tabella ta' hawn taħt hija griża, dan ifisser li l-kompitu ma huwiex rilevanti għall-installazzjonijiet jew għall-avjazzjoni.

Awtorità kompetenti inkarigata minn:	Installazzjonijiet	Avjazzjoni
~~Ħruġ~~ ta' permessi		
Approvazzjoni tal-pjan tal-metodoloġija ta' monitoraġġ għall-installazzjonijiet u bidliet sinifikanti għal dak il-pjan		
Proċessar tal-applikazzjonijiet għal kwoti bla ħlas skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 ([2])		
Il-valutazzjoni tar-rapporti annwali fil-livell ta' attività u l-aġġustament tal-kwoti skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842 ([3])		
Allokazzjoni bla ħlas skont l-Artikolu 3e u 3f tad-Direttiva 2003/87/KE		
Attivitajiet relatati mal-irkant (l-irkantatur definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 ([4]))		
~~Ħruġ~~ ta' kwoti		
Approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ u ta' bidliet sinifikanti fil-pjan ta' monitoraġġ		
Riċevuta u valutazzjoni ta' rapporti ta' verifika u rapporti dwar l-emissjonijiet annwali vverifikati		
Approvazzjoni tar-rapporti dwar it-titjib f'konformità mal-Artikolu 69 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 ([5])		
Spezzjoni u infurzar		
Amministrazzjoni ta' inklużjoni unilaterali tal-attivitajiet u l-gassijiet skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/87/KE ([6])		
Amministrazzjoni ta' installazzjonijiet eskluży skont l-Artikoli 27 u 27a tad-Direttiva 2003/87/KE ([7])		
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:		

(1) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).
(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8).
(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842 tal-31 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' arranġamenti ulterjuri għall-aġġustamenti għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet minħabba bidliet fil-livell tal-attività (ĠU L 282, 4.11.2019, p. 20).
(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (ĠU L 302 18.11.2010, p. 1).
(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).
(6) Din il-kaxxa trid timtela biss jekk l-Istat Membru inkluda attivitajiet jew gassijiet skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/87/KE.
(7) Din il-kaxxa trid timtela biss jekk l-Istat Membru eskluda installazzjonijiet skont l-Artikoli 27 u 27a tad-Direttiva 2003/87/KE.

2.3. Jekk hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda inkarigata fl-Istat Membru tiegħek skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2003/87/KE, liema awtorità kompetenti hija l-punt fokali tiegħek imsemmi fl-Artikolu 70(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża l-abbrevjazzjoni rilevanti fit-tabella ta' hawn taħt.

Isem l-awtorità kompetenti li hija l-punt fokali msemmi fl-Artikolu 70(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067	Abbrevjazzjoni

Jekk fl-Istat Membru tiegħek aktar minn awtorità kompetenti waħda hija inkarigata biex twettaq l-attivitajiet fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, x'miżuri ttieħdu biex tiġi koordinata l-ħidma ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Koordinazzjoni tal-attivitajiet fir-rigward tal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066	Iva/Le	Kummenti (fakultattivi)
Minbarra l-awtoritajiet lokali u reġjonali ikun hemm awtorità kompetenti ċentrali li tirrieżamina l-pjanijiet ta' monitoraġġ, ir-rapporti annwali dwar l-emissjonijiet u r-rapporti dwar it-titjib fuq bażi regolari?		
Awtorità kompetenti ċentrali tipprovdi pariri jew struzzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti lokali u/jew reġjonali?		
Il-parir jew l-istruzzjonijiet huma vinkolanti?		
Jiġu organizzati laqgħat regolari bejn l-awtoritajiet kompetenti?		
Jiġi organizzat taħriġ komuni għall-awtoritajiet kompetenti kollha biex tiġi żgurata implimentazzjoni armonizzata tar-rekwiżiti?		
Hemm stabbilit grupp ta' koordinazzjoni, fejn il-persunal tal-awtorità kompetenti jiddiskuti kwistjonijiet relatati mal-monitoraġġ u mar-rapportar u jiżviluppa approċċi komuni?		

Hemm attivitajiet ta' koordinazzjoni oħrajn? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

2.4. Xi skambju effettiv ta' informazzjoni u kooperazzjoni ġie stabbilit f'konformità mal-Artikolu 70(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 bejn il-korp nazzjonali ta' akkreditament jew, jekk rilevanti, l-awtorità nazzjonali ta' ċertifikazzjoni u l-awtorità kompetenti fi ħdan l-Istat Membru tiegħek? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Koordinazzjoni tal-attivitajiet fir-rigward tal-Artikolu 70(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067	Iva/Le	Kummenti (fakultattivi)
Jiġu organizzati laqgħat regolari bejn il-korp nazzjonali ta' akkreditament/l-awtorità nazzjonali ta' ċertifikazzjoni (jekk rilevanti) u l-awtorità kompetenti responsabbli għall-koordinazzjoni?		
Ġie stabbilit grupp ta' ħidma fejn il-korp nazzjonali ta' akkreditament/l-awtorità nazzjonali ta' ċertifikazzjoni (jekk rilevanti), l-awtorità kompetenti u l-verifikaturi jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-akkreditament u l-verifika?		
L-awtorità kompetenti tista' takkumpanja l-korp nazzjonali ta' akkreditament fl-attivitajiet ta' akkreditament bħala osservatur?		
Hemm attivitajiet ta' koordinazzjoni oħrajn? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:		

3. **Kopertura tal-attivitajiet, tal-installazzjonijiet u tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru**

3.A. **Installazzjonijiet**

3.1. Kemm-il installazzjoni jwettqu attivitajiet u jarmu emissjonijiet tal-gassijiet serra elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE? Kemm-il waħda minn dawk l-installazjonijiet hija tal-kategorija A, B u C kif imsemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Kemm mill-installazzjonijiet tal-kategorija A huma installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi kif imsemmi fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt.

Installazzjonijiet	Numru
Numru totali ta' installazzjonijiet	
Installazzjonijiet tal-kategorija A	
Installazzjonijiet tal-kategorija B	
Installazzjonijiet tal-kategorija C	
Kemm mill-installazzjonijiet tal-kategorija A huma installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi?	

Liema attivitajiet tal-Anness I jitwettqu minn installazzjonijiet fl-Istat Membru tiegħek? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt.

Attività tal-Anness I	Iva/Le
Attivitajiet ta' kombustjoni kif speċifikati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Raffinar taż-żejt minerali	
Produzzjoni tal-kokk	
Ix-xiwi jew is-sinterizzazzjoni ta' minerali tal-metall (inkluż il-mineral tas-sulfur), inkluż il-pelitizzazzjoni	
Produzzjoni tal-ħadid fondut grezz jew tal-azzar kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-produzzjoni jew l-ipproċessar ta' metalli ferrużi kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-Produzzjoni ta' aluminju primarju	

Il-produzzjoni ta' aluminju sekondarju kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-produzzjoni jew l-ipproċessar ta' metalli mhux ferruġi kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-produzzjoni tal-klinker tas-siment fi fran li jduru kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-produzzjoni ta' ġir jew ta' kalċinazzjoni tad-dolomit jew tal-manjeżit kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-manifattura tal-ħġieġ kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-manifattura ta' prodotti taċ-ċeramika kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-manifattura tal-materjal tal-insulazzjoni ta' suf minerali bl-użu tal-ħġieġ, tal-blat jew tal-gagazza kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
It-tnixxif jew il-kalċinazzjoni ta' ġipsum jew għall-produzzjoni tal-folji tal-ġibs u prodotti oħrajn tal-ġipsum, kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-produzzjoni tal-polpa kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-produzzjoni tal-karta jew tal-kartun kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-produzzjoni tal-iswed tal-karbonju kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-produzzjoni tal-aċidu nitriku	
Il-produzzjoni tal-aċidu adipiku	
Il-produzzjoni tal-aċidu glijossiku u glijossiliku	
Il-produzzjoni tal-ammonja	
Il-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi organiċi kbar kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-produzzjoni tal-idroġenu (H_2) u tal-gass sintetiku kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-produzzjoni tal-irmied tas-soda (Na_2CO_3) u tal-bikarbonat tas-sodju ($NaHCO_3$) kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-qbid tal-gassijiet serra minn installazzjonijiet kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
It-trasport tal-gassijiet serra permezz ta' pajpijiet għall-ħżin ġeoloġiku f'sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])	
Il-ħżin ġeoloġiku tal-gassijiet serra f'sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE	

([1]) Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

3.2. Eskludejt l-installazzjonijiet skont l-Artikolu 27 jew l-Artikolu 27a tad-Direttiva 2003/87/KE? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt:

— L-emissjonijiet totali ta' installazzjonijiet eskluži skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE u n-numru ta' installazzjonijiet li qabżu l-limitu ta' 25 000 tunnellata ta' $CO_{2(e)}$ skont l-Artikolu 27 u li jeħtieġ li jerġgħu jidħlu fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet;

— L-emissjonijiet totali ta' installazzjonijiet eskluži skont l-Artikolu 27a(1) tad-Direttiva 2003/87/KE u n-numru ta' installazzjonijiet li qabżu l-limitu ta' 2 500 tunnellata ta' $CO_{2(e)}$ skont l-Artikolu 27a(1) u li jeħtieġ li jerġgħu jidħlu fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet;

— L-emissjonijiet totali ta' unitajiet eskluži skont l-Artikolu 27a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE u n-numru ta' unitajiet li qabżu l-limitu ta' 300 siegħa skont l-Artikolu 27a(3) u li jeħtieġ li jerġgħu jidħlu fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

Esklużjoni skont l-Artikolu 27, 27a(1) jew 27a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE [1]	Emissjonijiet totali tal-installazzjonijiet eskluži skont l-Artikolu 27, 27a(1) jew 27a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE	Numru ta' installazzjonijiet jew ta' unitajiet li qabżu l-limiti applikabbli li jeħtieġ li jerġgħu jidħlu fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet

([1]) Jekk jogħġbok agħżel l-Artikolu 27, 27a(1) jew 27a(3).

Kemm-il waħda mill-installazzjonijiet eskluži skont l-Artikoli 27 u 27a tad-Direttiva 2003/87/KE għalqu fil-perjodu ta' rapportar?

	Numru ta' installazzjonijiet magħluqa
Esklużjoni skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE	
Esklużjoni skont l-Artikolu 27a tad-Direttiva 2003/87/KE	

3.B. **Operaturi tal-inġenji tal-ajru**

3.3. Kemm-il operatur tal-inġenji tal-ajru qed iwettaq l-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE li għalihom inti responsabbli bħala l-Istat Membru amministrattiv? Kemm minn dawn l-operaturi tal-inġenji tal-ajru huma operaturi tal-inġenji tal-ajru kummerċjali u operaturi tal-inġenji tal-ajru mhux kummerċjali? Kemm min-numru totali ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru huma emittenti żgħar kif imsemmi fl-Artikolu 55(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Jekk jogħġbok speċifika billi tuża t-tabella ta' hawn taħt.

Tip ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru	Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru kummerċjali	Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru mhux kummerċjali	Numru totali
Operaturi tal-inġenji tal-ajru (li ma humiex emittenti żgħar)			
Operaturi tal-inġenji tal-ajru li huma emittenti żgħar			
Numru totali			

4. **Ħruġ ta' permessi għal installazzjonijiet**

Il-mistoqsija 4.1 u l-ewwel parti tal-mistoqsija 4.2 għandhom jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2022 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar. Il-mistoqsijiet l-oħrajn kollha għandhom jitwieġbu kull sena.

4.1. Jekk jogħġbok fit-tabella ta' hawn taħt speċifika sa liema punt kien hemm integrazzjoni jew koordinazzjoni bejn id-Direttiva 2003/87/KE u d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3].

Integrazzjoni u koordinazzjoni tal-permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra (permess għall-ETS) u l-permess tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED)	Iva/Le/ Parzjalment	Kummenti (fakultattivi)
Il-permess għall-ETS huwa parti mill-permess tal-IED?		

([3]) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

Jekk le, il-proċeduri tal-għoti tal-permessi skont id-Direttiva dwar l-IED u l-permess għall-ETS huma integrati?		
Jekk le, ir-regolaturi tal-IED jivverifikaw jekk permess għall-ETS huwiex applikabbli u, jekk neċessarju, jgħarrfu lill-awtorità kompetenti responsabbli għall-attivitajiet skont l-EU ETS?		
L-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-rapporti annwali dwar l-emissjonijiet jitwettqu mir-regolaturi tal-IED?		
L-ispezzjoni tal-attivitajiet tal-EU ETS titwettaq mir-regolaturi tal-IED?		
Ir-regolatur tal-IED huwa mitlub jipprovdi pariri jew struzzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' monitoraġġ, ta' rapportar u ta' verifika mwettqa mill-awtorità kompetenti fil-qafas tal-EU ETS?		
Jekk iva, dak il-parir jew l-istruzzjonijiet huma vinkolanti?		
L-integrazzjoni jew il-koordinazzjoni tal-permessi titwettaq b'mod ieħor? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:		

4.2. Il-liġi nazzjonali meta tirrikjedi aġġornament tal-permess f'konformità mal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji tad-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali fit-tabella ta' hawn taħt. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Kategorija ta' bidliet	Dettalji tad-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali
Il-permessi meta jistgħu jiġu rtirati mill-awtorità kompetenti?	
Permess jiskadi skont il-liġi nazzjonali? Jekk iva, f'liema ċirkustanzi?	
Permess meta jinbidel minħabba żieda fil-kapaċità?	
Permess meta jinbidel minħabba tnaqqis fil-kapaċità?	
Permess meta jinbidel minħabba bidliet fil-pjan ta' monitoraġġ?	
Hemm tipi oħrajn ta' aġġornamenti tal-permess? Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji:	

X'inhu n-numru totali ta' aġġornamenti tal-permessi li seħħew fil-perjodu ta' rapportar? Jekk jogħġbok speċifika fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' aġġornamenti tal-permess sa fejn dan ikun magħruf mill-awtorità kompetenti.

Numru totali ta' permessi aġġornati fil-perjodu ta' rapportar	

5. Applikazzjoni tar-regolament dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

5.A. Tagħrif ġenerali

Il-mistoqsijiet 5.1, 5.2, 5.3 u 5.4 għandhom jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2022 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

5.1. Tiġi adottata leġiżlazzjoni nazzjonali addizzjonali biex tgħin fl-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika hawn taħt għal liema oqsma ġiet jew qiegħda tiġi implimentata leġiżlazzjoni nazzjonali addizzjonali.

Ġiet żviluppata gwida nazzjonali addizzjonali biex tappoġġa l-fehim tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika hawn taħt għal liema oqsma ġiet żviluppata gwida nazzjonali addizzjonali.

5.2. X'miżuri ttieħdu biex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar tal-EU ETS mar-rekwiżiti ta' rapportar ta' mekkaniżmi ta' rapportar eżistenti oħra bħar-rapportar tal-inventarju tal-gassijiet serra u r-rapportar tar-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (E-PRTR)? Jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt.

Miżuri biex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar	Iva/Le	Kummenti (fakultattivi)
Id-*data* tal-EU ETS tintuża għall-kompilazzjoni tar-rapport dwar l-inventarju tal-gassijiet serra		
Ir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-EU ETS jintuża mill-awtoritajiet responsabbli għall-inventarji tal-gassijiet serra u mill-uffiċċju tal-istatistika biex jagħmlu paraguni mal-bilanċ nazzjonali tal-enerġija		
Ir-rapportar tal-emissjonijiet tal-EU ETS jintuża mill-awtoritajiet responsabbli għall-kompilazzjoni tar-rapporti tal-E-PRTR għall-kontrolli tal-plawżibbiltà u/jew tal-validazzjoni		
Id-*data* tal-EU ETS tintuża bħala validazzjoni u assigurazzjoni tal-kwalità fir-rapportar tal-inventarju tal-gassijiet serra		
Hemm fis-seħħ portal jew pjattaforma ta' rapportar online biex tirrapporta għall-EU ETS, l-E-PRTR u/jew għal skopijiet oħra		
Hemm koordinazzjoni strutturata bejn l-E-PRTR, l-inventarju tal-gassijiet serra u l-awtoritajiet kompetenti tal-EU ETS		

Hemm miżuri oħra biex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar tal-EU ETS ma' rekwiżiti ta' rapportar oħrajn? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

5.3. Qed tuża l-mudell żviluppat mill-Kummissjoni għall-pjanijiet ta' monitoraġġ, għar-rapporti dwar l-emissjonijiet, għar-rapporti ta' verifika u/jew għar-rapport dwar it-titjib? Iva/Le

Jekk le, jekk jogħġbok speċifika fit-tabella ta' hawn taħt jekk l-Istat Membru tiegħek żviluppax mudelli elettroniċi personalizzati jew formati ta' fajls speċifiċi għall-pjanijiet ta' monitoraġġ, għar-rapporti dwar l-emissjonijiet, għar-rapporti ta' verifika u/jew għar-rapporti dwar it-titjib u indika liema elementi huma differenti meta mqabbla mal-mudell żviluppat mill-Kummissjoni.

	Mudell jew format tal-fajls speċifiku għall-Istat Membru ([1])	Liema elementi jvarjaw minn dawk tal-mudelli u mill-formati tal-fajls ippubblikati mill-Kummissjoni?
Pjan ta' monitoraġġ għall-installazzjonijiet		
Rapport dwar l-emissjonijiet għall-installazzjonijiet		
Rapport dwar il-verifika għall-installazzjonijiet		
Rapport dwar it-titjib għall-installazzjonijiet		

([1]) Jekk jogħġbok agħżel il-mudell speċifiku għall-Istat Membru jew il-format tal-fajls speċifiku għall-Istat Membru.

	Mudell jew format tal-fajl speċifiku għall-Istat Membru [1]	Liema elementi jvarjaw minn dawk tal-mudelli u mill-formati tal-fajls ippubblikati mill-Kummissjoni?
Pjan ta' monitoraġġ għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru		
Rapport dwar l-emissjonijiet għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru		
Rapport dwar il-verifika għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru		
Rapport dwar it-titjib għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru		

[1] Jekk jogħġbok agħżel il-mudell speċifiku għall-Istat Membru jew il-format tal-fajl speċifiku għall-Istat Membru.

X'miżuri implimentajt biex tikkonforma mar-rekwiżiti fl-Artikolu 74(1) u (2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Jekk jogħġbok speċifika hawn taħt.

5.4. Żviluppajt sistema awtomatizzata għall-iskambju ta' *data* elettronika bejn l-operaturi jew bejn l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-awtorità kompetenti u partijiet oħrajn? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika hawn taħt x'dispożizzjonijiet implimentajt biex tikkonforma mar-rekwiżiti fl-Artikolu 75(1) u (2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

5.B. **Installazzjonijiet**

Il-mistoqsija 5.17 għandha titwieġeb fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2022 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

5.5. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok imla, għall-fjuwils elenkati, il-konsum totali ta' fjuwil u l-emissjonijiet annwali totali bbażati fuq id-*data* rrapportata fir-rapporti dwar l-emissjonijiet tal-operatur għas-sena tar-rapportar.

Deskrizzjoni tat-tip ta' fjuwil	Fjuwil totali konsum (TJ)	Emissjonijiet annwali totali (t CO_2)
Faħam		
Linjite u faħam subbituminuż		
Pit		
Kokk		
Gass naturali		
Gass tal-fran tal-kokk		
Gass tal-forn tal-blast		
Gass tar-raffinerija u gassijiet oħrajn derivati mill-proċess		
Żejt fjuwil		
Gass likwifikat miż-żejt		
Kokk petroliferu		
Fjuwil fossili oħrajn [1]		

[1] Jekk jogħġbok kun af li din il-mistoqsija ma tkoprix il-bijomassa (fosthom il-bijofjuwils, il-bijolikwidi, il-bijomassa solida mhux sostenibbli). L-informazzjoni dwar il-kombustjoni tal-bijomassa hija koperta mill-mistoqsija 5.15.

5.6. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok daħħal l-emissjonijiet totali aggregati għal kull kategorija rrapportata bil-Format tar-Rapportar Komuni (CRF) tal-IPCC fuq il-bażi tad-*data* pprovduta fir-rapporti dwar l-emissjonijiet tal-operatur f'konformità mal-Artikolu 73 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

Kategorija 1 tas-CRF (Enerġija)	Kategorija 2 tas-CRF (Emissjonijiet minn proċessi)	Emissjonijiet totali ($t\ CO_{2(e)}$)	Emissjonijiet totali tal-kombustjoni ($t\ CO_{2(e)}$)	Emissjonijiet totali tal-proċess ($t\ CO_{2(e)}$)

5.7. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika għal kull kategorija ta' installazzjoni u għal kull tip ta' fjuwil jew ta' materjal, in-numru ta' installazzjonijiet li għalihom l-awtorità kompetenti approvat il-valuri prestabbiliti msemmija fl-Artikolu 31(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

Kategorija ta' installazzjoni [1]	Tip ta' fjuwil jew ta' materjal	Numru ta' installazzjonijiet li jużaw valur prestabbilit

[1] Jekk jogħġbok agħżel l-installazzjoni tal-kategorija A, l-installazzjoni tal-kategorija B, l-installazzjoni tal-kategorija C jew l-installazzjoni b'emissjonijiet baxxi.

5.8. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika n-numru ta' installazzjonijiet li għalihom, l-awtorità kompetenti ppermettiet frekwenza differenti għall-analiżi f'konformità mal-Artikolu 35(2), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 kif ukoll konferma li l-pjan ta' kampjunar f'dawk il-każijiet qiegħed jiġi ddokumentat bis-sħiħ u rrispettat.

Isem tal-fjuwil jew tal-materjal	Numru ta' installazzjonijiet li għalihom l-awtorità kompetenti ppermettiet frekwenza differenti għall-analiżi	Numru ta' flussi minn sors maġġuri li għalihom tiġi applikata frekwenza differenti għall-analiżi	Konferma li l-pjan ta' kampjunar huwa dokumentat bis-sħiħ u rrispettat Iva/Le. Jekk le, jekk jogħġbok speċifika r-raġuni

5.9. Jekk l-approċċi tal-ogħla livell għal flussi minn sors maġġuri jew sorsi tal-emissjonijiet maġġuri tal-installazzjonijiet tal-kategorija C imsemmijin fl-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 ma humiex applikati, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt, għal kull installazzjoni li fiha seħħet din is-sitwazzjoni, il-flussi mis-sors jew is-sors tal-emissjoni affettwat, il-parametru ta' monitoraġġ affettwat, l-ogħla livell meħtieġ skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 u l-livell applikat.

Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni [1]	Fluss minn sors affettwat fil-metodoloġija bbażata fuq kalkolu	Sors ta' emissjoni affettwat fil-metodoloġija bbażata fuq il-kejl	Parametru tal-monitoraġġ affettwat [2]	L-ogħla livell meħtieġ skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066	Livell applikat fil-prattika

[1] Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni.

[2] Jekk jogħġbok agħżel taħt parametru ta' monitoraġġ affettwat: il-kwantità ta' fjuwil, il-kwantità ta' materjal, il-valur kalorifiku nett, il-fattur ta' emissjoni, il-fattur ta' emissjoni preliminari, il-fattur ta' ossidazzjoni, il-fattur ta' konverżjoni, il-kontenut ta' karbonju, il-frazzjoni ta' bijomassa, jew fil-każ ta' metodoloġija bbażata fuq il-kejl: emissjonijiet annwali medji fis-siegħa f'kg/siegħa mis-sors ta' emissjoni.

5.10. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika n-numru ta' installazzjonijiet tal-kategorija B imsemmijin fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni(UE) 2018/2066 li ma japplikawx l-ogħla livell għall-flussi minn sors maġġuri kollha u s-sorsi ta' emissjonijiet maġġuri kollha [4] f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

Metodoloġija ta' monitoraġġ [1]	Attività Ewlenija tal-Anness I	Numru ta' installazzjonijiet affettwati

[1] Jekk jogħġbok agħżel: il-metodoloġija bbażata fuq il-kalkolu jew il-metodoloġija bbażata fuq il-kejl.

5.11. L-installazzjonijiet fl-Istat Membru tiegħek applikaw l-approċċ ta' riżerva f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt.

Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni [1]	Raġuni għall-applikazzjoni tal-approċċ ta' riżerva [2]	Parametru, li għalih ma ntlaħaqx tal-anqas il-livell 1 [3]	Emissjonijiet stmati affettwati minn dan il-parametru

[1] Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122.
[2] Jekk jogħġbok agħżel:

(a) l-applikazzjoni tal-livell 1 ma hijiex teknikament fattibbli jew twassal għal kostijiet irraġonevoli għal fluss minn sors maġġuri wieħed;
(b) l-applikazzjoni tal-livell 1 ma hijiex teknikament fattibbli jew twassal għal kostijiet irraġonevoli għal fluss minn sors minuri wieħed;
(c) l-applikazzjoni tal-livell 1 ma hijiex teknikament fattibbli jew twassal għal kostijiet irraġonevoli għal aktar minn fluss minn sors maġġuri jew minuri wieħed; jew
(d) l-applikazzjoni tal-livell 1 fil-metodoloġija bbażata fuq il-kejl ma hijiex teknikament fattibbli jew twassal għal kostijiet irraġonevoli kif imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

[3] Jekk jogħġbok agħżel: il-kwantità ta' fjuwil, il-kwantità ta' materjal, il-valur kalorifiku nett, il-fattur ta' emissjoni, il-fattur ta' emissjoni preliminari, il-fattur ta' ossidazzjoni, il-fattur ta' konverżjoni, il-kontenut ta' karbonju, il-frazzjoni ta' bijomassa jew, fil-każ tal-metodoloġija bbażata fuq il-kejl: l-emissjonijiet annwali medji fis-siegħa f'kg/h mis-sors ta' emissjoni.

5.12. Jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' installazzjonijiet tal-kategorija A, B u C li kienu meħtieġa jissottomettu u li fil-fatt issottomettew rapport dwar it-titjib f'konformità mal-Artikolu 69 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066. L-informazzjoni fit-tabella ta' hawn taħt hija relatata mas-sottomissjoni tar-rapport dwar it-titjib fil-perjodu ta' rapportar preċedenti.

Kategorija tal-installazzjoni	Attività Ewlenija tal-Anness I	Tip ta' rapport dwar it-titjib [1]	Numru ta' installazzjonijiet li meħtieġa jissottomettu rapport dwar it-titjib	Numru ta' installazzjonijiet li ssottomettew rapport dwar it-titjib fil-prattika

[1] Jekk jogħġbok agħżel: rapport dwar it-titjib f'konformità mal-Artikolu 69(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, rapport dwar it-titjib f'konformità mal-Artikolu 69(3) ta' dak ir-Regolament jew rapport dwar it-titjib f'konformità mal-Artikolu 69(4) ta' dak ir-Regolament.

5.13. Is-CO_2 inerenti f'konformità mal-Artikolu 48, is-CO_2 f'konformità mal-Artikolu 49 jew l-N_2O f'konformità mal-Artikolu 50 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 ġie ttrasferit fl-Istat Membru tiegħek? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt.

[4] Is-sorsi tal-emissjonijiet li jarmu aktar minn 5 000 tunnellata ta' $CO_{2(e)}$ fis-sena jew li jikkontribwixxu aktar minn 10 % tal-emissjonijiet annwali totali tal-installazzjoni, skont liema minnhom huwa l-ogħla f'termini ta' emissjonijiet assoluti.

Tip ta' trasferiment ([1])	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni([2]) tal-installazzjoni ta' trasferiment ([3])	Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni([4]) tal-installazzjoni riċeventi	L-ammont ta' CO_2 jew ta' N_2O ittrasferit ([5]) ($t\ CO_2$ jew $t\ N_2O$)	L-emissjonijiet ta' CO_2 inerenti rċevuti ($t\ CO_2$)	L-attività ewlenija tal-Anness I tal-installazzjoni riċeventi fil-każ ta' trasferiment tas-CO_2 (l-Artikolu 49) jew trasferiment ta' N_2O (l-Artikolu 50)	Numru tal-permess għas-sit tal-ħżin (permess skont id-Direttiva 2009/31/KE) fil-każ ta' trasferiment lejn is-sit tal-Ħżin u l-Qbid tal-Karbonju

([1]) Jekk jogħġbok agħżel: it-trasferiment tas-CO_2 inerenti (l-Artikolu 48), it-trasferiment tas-CO_2 għall-Ħżin u l-Qbid tal-Karbonju (l-Artikolu 49(1)(a), it-trasferiment tas-CO_2 fil-PCC (l-Artikolu 49(1)(b)), it-trasferiment ta' N_2O (l-Artikolu 50).

([2]) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122

([3]) L-installazzjoni li tittrasferixxi s-CO_2 inerenti skont l-Artikolu 48 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, l-installazzjoni li tittrasferixxi s-CO_2 skont l-Artikolu 49 ta' dak ir-Regolament, l-installazzjoni li tittrasferixxi l-N_2O skont l-Artikolu 50 ta' dak ir-Regolament

([4]) Jekk jogħġbok ipprovdi l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni, tal-installazzjoni li tirċievi s-CO_2 inerenti, il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni tal-installazzjonijiet li jirċievu s-CO_2 skont l-Artikolu 49 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jew li jirċievu l-N_2O skont l-Artikolu 50 ta' dak ir-Regolament. Jekk il-parti riċeventi hija konsumatur mhux tal-EU ETS, jekk jogħġbok immarka "konsumatur mhux tal-EU ETS".

([5]) Jekk jogħġbok ipprovdi l-ammont ta' CO_2 inerenti jew ta' CO_2 ttrasferit skont l-Artikolu 49 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jew ta' N_2O ttrasferit skont l-Artikolu 50 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

5.14. Kien hemm xi installazzjoni fl-Istat Membru tiegħek li applikat kejl kontinwu tal-emissjonijiet f'konformità mal-Artikolu 40 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt, l-emissjonijiet totali ta' kull installazzjoni, l-emissjonijiet koperti minn kejl kontinwu tal-emissjonijiet, u jekk il-gass imkejjel fihx CO_2 tal-bijomassa.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni ([1]) tal-installazzjonijiet li jarmu s-CO_2	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni ([1]) tal-installazzjonijiet li jarmu l-N_2O	Emissjonijiet totali annwali ($t\ CO_{2(e)}$)	Emissjonijiet koperti minn kejl kontinwu ($t\ CO_{2(e)}$)	Il-gass mit-tromba ta' ċumnija mkejjel fih bijomassa? Iva/Le

([1]) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122.

5.15. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika għal kull attività ewlenija elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE:

— in-numru ta' installazzjonijiet tal-kategorija A, B u C li jużaw bijomassa;

— l-emissjonijiet totali mill-bijomassa li jitqiesu ugwali għal żero, jiġifieri meta ma japplika l-ebda kriterju dwar is-sostenibbiltà jew l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew fejn jiġu ssodisfati l-kriterji ta' sostenibbiltà jew ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra;

— l-emissjonijiet totali mill-bijomassa li ma jitqisux ugwali għal żero, jiġifieri meta japplikaw il-kriterji dwar is-sostenibbiltà jew l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra iżda dawn il-kriterji ma jiġux issodisfati;

— l-emissjonijiet fossili totali minn installazzjonijiet li jużaw il-bijomassa;

— il-kontenut enerġetiku tal-bijomassa meqjusa ugwali għal żero;

— il-kontenut enerġetiku tal-bijomassa mhux meqjusa ugwali għal żero; u

— l-enerġija fossili kkunsmata mill-installazzjonijiet li jużaw il-bijomassa.

Attività Ewlenija tal-Anness I	Kategorija tal-installazzjoni	Numru ta' installazzjonijiet tal-kategorija A, B u C li jużaw bijomassa	Emissjonijiet minn bijomassa li għalihom jiġu applikati u ssodisfati l-kriterji dwar is-sostenibbiltà jew l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u emissjonijiet minn bijomassa li għalihom ma japplika l-ebda kriterju dwar is-sostenibbiltà ($t\ CO_{2(e)}$)	Emissjonijiet minn bijomassa li għalihom japplikaw il-kriterji dwar is-sostenibbiltà jew il-kriterji dwar l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra iżda ma ġewx issodisfati ($t\ CO_{2(e)}$)	Emissjonijiet fossili ($t\ CO_{2(e)}$)	Kontenut enerġetiku tal-bijomassa ugwali għal żero (TJ)	Kontenut enerġetiku tal-bijomassa mhux ugwali għal żero (TJ)	Kontenut ta' enerġija ta' fjuwils/materjali fossili (TJ)

Liema mill-metodi għall-wiri tal-konformità mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà jew l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġeneralment jiġu applikati fl-Istat Membru tiegħek? Jekk jogħġbok iddeskrivi hawn taħt l-elementi ewlenin jekk jintużaw sistemi nazzjonali biex tintwera din il-konformità.

5.16. X'kienet il-kwantità tal-emissjonijiet tas-CO_2 minn skart użat bħala fjuwil jew materjal ta' input? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt.

	Emissjonijiet ($t\ CO_2$)
Skart użat minn installazzjonijiet skont l-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	

5.17. L-Istat Membru tiegħek ppermetta l-użu ta' xi pjan ta' monitoraġġ issimplifikat f'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika fit-tabella ta' hawn taħt x'tip ta' valutazzjoni tar-riskju saret u fuq liema prinċipji ssawret.

Tip ta' valutazzjoni tar-riskju ([1])	Prinċipji ġenerali tal-valutazzjoni tar-riskju

([1]) Jekk jogħġbok agħżel: valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti jew valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur.

5.C. **Operaturi tal-inġenji tal-ajru**

Il-mistoqsija 5.23 għandha titwieġeb fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2022 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

5.18. Kemm-il operatur tal-inġenji tal-ajru qed juża l-Metodu A jew B biex jiddetermina l-konsum tal-fjuwil? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt.

Metodu għad-determinazzjoni tal-konsum tal-fjuwil	Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru	Sehem (f'%) ta' emittenti żgħar (min-numru totali ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru fit-tieni kolonna) li jiddeterminaw il-konsum tal-fjuwil
Metodu A		
Metodu B		
Metodu A u B		

5.19. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika

— l-emissjonijiet totali aggregati tat-titjiriet u tat-titjiriet domestiċi kollha mwettqin fil-perjodu ta' rapportar minn operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom int l-Istat Membru amministrattiv;

— l-emissjonijiet totali aggregati ta' titjiriet CORSIA mwettqin minn operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom int l-Istat Membru amministrattiv;

— l-emissjonijiet totali aggregati soġġetti għar-rekwiżiti ta' tpaċija skont il-CORSIA mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom int l-Istat Membru amministrattiv;

— l-emissjonijiet totali aggregati ta' titjiriet li jaqgħu taħt l-iskema Żvizzera għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet imwettqa mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom int l-Istat Membru amministrattiv.

	Emissjonijiet totali (t CO_2)
Emissjonijiet totali ta' titjiriet imwettqin minn operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom int l-Istat Membru amministrattiv	
Emissjonijiet totali ta' titjiriet domestiċi mwettqin minn operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom int l-Istat Membru amministrattiv	
Emissjonijiet totali ta' titjiriet CORSIA mwettqin minn operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom int l-Istat Membru amministrattiv	
Emissjonijiet totali soġġetti għal rekwiżiti ta' tpaċija skont CORSIA mwettqin minn operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom inti l-Istat Membru amministrattiv	
Emissjonijiet totali minn titjiriet soġġetti għall-iskema Żvizzera għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet imwettqa mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom inti l-Istat Membru amministrattiv	

Kemm-il operatur tal-inġenji tal-ajru rrapporta titjiriet bejn ajrudromi li jinsabu f'żewġ pajjiżi terzi differenti f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1603 ([5])?

Numru totali ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jirrapportaw titjiriet minn pajjiżi terzi fir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur tal-inġenji tal-ajru	

5.20. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika:

— in-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw bijofjuwils;

— l-emissjonijiet totali minn bijofjuwils li jitqiesu ugwali għal żero, jiġifieri fejn jiġu ssodisfati l-kriterji dwar is-sostenibbiltà jew l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra; u

— l-emissjonijiet totali mill-bijofjuwils li ma jitqisux ugwali għal żero, jiġifieri fejn japplikaw il-kriterji dwar is-sostenibbiltà jew l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra iżda dawn il-kriterji ma jiġux issodisfati.

Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw il-bijofjuwils	Emissjonijiet mill-bijofjuwils li għalihom jiġu applikati u ssodisfati l-kriterji dwar is-sostenibbiltà jew l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (t CO_2)	Emissjonijiet mill-bijofjuwils li għalihom japplikaw il-kriterji dwar is-sostenibbiltà jew l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra iżda li ma ġewx issodisfati (t CO_2)

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1603 tat-18 ta' Lulju 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-miżuri adottati mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni għall-iskop li tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq (ĠU L 250, 30.9.2019, p. 10).

5.21. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika:

— in-numru ta' emittenti żgħar li jużaw l-għodda tal-emittenti żgħar (SET) biex jiddeterminaw il-konsum ta' fjuwil tagħhom;

— in-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru taħt il-25 000 tunnellata ta' CO_2 jew ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li għandhom emissjonijiet totali ta' anqas minn 3 000 tunnellata ta' CO_2 li r-rapport dwar l-emissjonijiet tagħhom jiġi ġġenerat mill-faċilità ta' appoġġ tal-EU ETS indipendentement minn kwalunkwe input tal-operatur tal-inġenji tal-ajru;

— in-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw metodu alternattiv għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet ta' titjiriet neqsin; u

— in-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw l-għodda tal-emittenti żgħar biex jiddeterminaw l-emissjonijiet ta' titjiriet neqsin f'konformità mal-Artikolu 55(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

In-numru ta' emittenti żgħar li jużaw l-għodda tal-emittenti żgħar (SET) biex jiddeterminaw il-konsum tal-fjuwil tagħhom	
In-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru ta' anqas minn 25 000 tunnellata ta' CO_2 jew ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li għandhom emissjonijiet totali ta' anqas minn 3 000 tunnellata ta' CO_2 li r-rapport dwar l-emissjonijiet tagħhom jiġi ġġenerat mill-faċilità ta' appoġġ tal-EU ETS indipendentement minn kwalunkwe input tal-operatur	
Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw metodu alternattiv biex jiddeterminaw l-emissjonijiet ta' titjiriet neqsin	
Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw l-għodda tal-emittenti żgħar imsemmija fl-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) 2018/2066 biex jiddeterminaw l-emissjonijiet ta' titjiriet neqsin	

5.22. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika n-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li kienu meħtieġa jissottomettu u li fil-fatt issottomettew rapport dwar it-titjib f'konformità mal-Artikolu 69 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066. L-informazzjoni mitluba fit-tabella ta' hawn taħt hija relatata mas-sottomissjoni tar-rapporti dwar it-titjib fil-perjodu ta' rapportar preċedenti.

Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru mitluba jissottomettu rapport dwar it-titjib	Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li ssottomettew rapport dwar it-titjib fil-prattika

5.23. L-Istat Membru tiegħek ippermetta l-użu ta' xi pjan ta' monitoraġġ issimplifikat f'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Iva/Le.

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika fit-tabella ta' hawn taħt x'tip ta' valutazzjoni tar-riskju saret u fuq liema prinċipji ssawret.

Tip ta' valutazzjoni tar-riskju ([1])	Prinċipji ġenerali tal-valutazzjoni tar-riskju

([1]) Jekk jogħġbok agħżel: valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti jew valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur tal-inġenji tal-ajru.

6. **Arranġamenti għal verifika**

6.A. **Tagħrif ġenerali**

6.1. Jekk jogħġbok fit-tabella ta' hawn taħt indika n-numru totali ta' verifikaturi li jwettqu verifika tar-rapporti tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru ([6]). Għan-numru totali ta' verifikaturi minn Stat Membru ieħor, jekk jogħġbok indika l-Istat Membru li fih ġew akkreditati mill-korp nazzjonali ta' akkreditament.

([6]) Ir-rapporti dwar l-emissjonijiet, ir-rapporti dwar id-*data* tal-linja bażi, ir-rapporti annwali dwar il-livell ta' attività, ir-rapporti dwar id-*data* tal-entranti ġodda, ir-rapporti ta' tunnellati-kilometri.

	Għal installazzjonijiet		Għall-avjazzjoni	
	Numru	Stat Membru ta' akkreditament	Numru	Stat Membru ta' akkreditament
Numru totali ta' verifikaturi akkreditati fl-Istat Membru tiegħek				
Numru totali ta' verifikaturi ċertifikati fl-Istat Membru tiegħek				
In-numru ta' verifikaturi akkreditati minn korp nazzjonali ta' akkreditament fi Stat Membru ieħor li wettqu verifika fl-Istat Membru tiegħek				
In-numru ta' verifikaturi ċċertifikati minn awtorità nazzjonali ta' ċertifikazzjoni fi Stat Membru ieħor li wettqu verifika fl-Istat Membru tiegħek (jekk rilevanti)				

Jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' verifikaturi akkreditati għal kamp ta' applikazzjoni partikolari tal-akkreditament kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067. Jekk l-Istati Membri awtorizzaw iċ-ċertifikazzjoni ta' verifikaturi ta' persuni fiżiċi skont l-Artikolu 55(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067, jekk jogħġbok indika wkoll in-numru ta' verifikaturi ta' persuni fiżiċi ċċertifikati għal kamp ta' applikazzjoni partikolari taċ-ċertifikazzjoni kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067.

Kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditament jew ċertifikazzjoni elenkat fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067	Numru ta' verifikaturi akkreditati fl-Istat Membru tiegħek	Numru ta' verifikaturi ċertifikati fl-Istat Membru tiegħek

6.2. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni fuq l-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-iskambju ta' informazzjoni speċifikati fil-Kapitolu VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067:

Informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-iskambju ta' informazzjoni speċifikati fil-Kapitolu VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067			
Ġew sottomessi l-programmi ta' ħidma kollha f'konformità mal-Artikolu 71(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067?	Mill-korp nazzjonali ta' akkreditament tal-Istat Membru tiegħek ([1])		Mill-korp nazzjonali ta' akkreditament tal-Istat Membru tiegħek ([1])
Ġew sottomessi r-rapporti ta' ġestjoni kollha f'konformità mal-Artikolu 71(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067?	Mill-korp nazzjonali ta' akkreditament tal-Istat Membru tiegħek ([1])		Mill-korp nazzjonali ta' akkreditament tal-Istat Membru tiegħek ([1])
Ġew sottomessi r-rapporti kollha dwar l-iskambju ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 73(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067?	Lill-korp nazzjonali ta' akkreditament tal-Istat Membru tiegħek ([1])		Lill-korp nazzjonali ta' akkreditament tal-Istat Membru tiegħek ([1])
In-numru ta' miżuri amministrattivi imposti fuq verifikaturi akkreditati mill-Istat Membru tiegħek	Sospensjoni	Irtirar tal-akkreditament	Tnaqqis fl-ambitu

In-numru ta' miżuri amministrattivi imposti fuq il-verifikaturi ċċertifikati mill-Istat Membru tiegħek (jekk rilevanti)	Sospensjoni	Irtirar tal-akkreditament	Tnaqqis fl-ambitu
In-numru ta' drabi li l-korp nazzjonali ta' akkreditament fl-Istat Membru tiegħek talab lill-korp nazzjonali ta' akkreditament fi Stat Membru ieħor sabiex iwettaq sorveljanza f'ismu f'konformità mal-Artikolu 50(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067			
In-numru ta' lmenti li saru kontra verifikaturi akkreditati mill-Istat Membru tiegħek u n-numru ta' dawk riżolti	Numru ta' lmenti magħmula	Numru ta' lmenti riżolti tal-kolonna tax-xellug	Numru ta' lmenti riżolti mill-perjodu ta' rapportar preċedenti ([2])
In-numru ta' lmenti li saru dwar verifikaturi ċċertifikati mill-Istat Membru tiegħek u n-numru ta' dawk riżolti	Numru ta' lmenti magħmula	Numru ta' lmenti riżolti tal-kolonna tax-xellug	Numru ta' lmenti riżolti mill-perjodu ta' rapportar preċedenti ([2])
Numru ta' nuqqasijiet ta' konformità pendenti għal verifikaturi rrapportati fl-iskambju ta' informazzjoni u n-numru ta' dawk li ġew riżolti	Numru ta' nuqqasijiet ta' konformità	Numru ta' nuqqasijiet ta' konformità riżolti tal-kolonna tax-xellug	Numru ta' nuqqasijiet ta' konformità riżolti mill-perjodu ta' rapportar preċedenti ([2])

([1]) Jekk jogħġbok imla iva/le/parzjalment.
([2]) U mhux irrapportati bħala riżolti f'rapporti preċedenti.

6.B. **Installazzjonijiet**

6.3. Għal liema installazzjonijiet l-awtorità kompetenti għamlet stima konservattiva tal-emissjonijiet f'konformità mal-Artikolu 70(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni ([1])	Emissjonijiet annwali totali tal-installazzjoni (t $CO_{2(e)}$)	Raġuni għaliex saret stima konservattiva ([2])	Sehem (f'%) tal-emissjonijiet tal-installazzjoni stmati b'mod konservattiv	Metodu użat għall-istima konservattiva tal-emissjonijiet	Azzjoni ulterjuri meħuda jew proposta ([3])

([1]) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122.
([2]) Jekk jogħġbok speċifika: l-ebda rapport dwar l-emissjonijiet ma ġie sottomess sal-31 ta' Marzu, l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva ma ngħatat minħabba dikjarazzjonijiet skorretti materjali, l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva ma ngħatat minħabba l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 27(1), il-punt (c), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067), l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva ma ngħatat minħabba l-Artikolu 27(1), il-punt (d), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, ir-rapport dwar l-emissjonijiet ġie rrifjutat minħabba li ma kienx konformi ma' dak ir-Regolament, jew ir-rapport dwar l-emissjonijiet ma kienx ivverifikat f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067.
([3]) Jekk jogħġbok indika liema mill-azzjonijiet li ġejjin twettqu jew qegħdin jiġu proposti: tfakkira jew twissija formali dwar l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet mibgħuta lill-operaturi, l-imblukkar tal-kont ta' depożitu tal-operatur, l-impożizzjoni ta' multi, jew oħrajn (jekk jogħġbok speċifika). Taħlita tal-azzjonijiet hija possibbli.

Kemm-il installazzjoni rċeviet dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika negattiva jew ma ssottomettietx rapport dwar l-emissjonijiet sal-iskadenza meħtieġa?

Aġġel l-opzjoni ([1])	Numru totali ta' installazzjonijiet

([1]) Jekk jogħġbok speċifika: l-ebda rapport dwar l-emissjonijiet ma ġie sottomess sal-31 ta' Marzu, l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva ma ngħatat minħabba dikjarazzjonijiet skorretti materjali (l-Artikolu 27(1), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067, l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva ma ngħatat minħabba l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 27(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament), l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva ma ngħatat minħabba l-Artikolu 27(1), il-punt (d) ta' dak ir-Regolament.

6.4. Kien hemm xi rapport ta' verifika li inkluda dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jew rakkomandazzjonijiet għal titjib? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni fit-tabella ta' hawn taħt:

Attività Ewlenija tal-Anness I	Tip ta' kwistjoni li nstabet ([1])	Numru ta' installazzjonijiet	Numru ta' kwistjonijiet	Sehem (f'%) mir-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li wasslu għal stima konservattiva tal-emissjonijiet mill-awtorità kompetenti

([1]) Jekk jogħġbok speċifika: dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni ta' opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, rakkomandazzjonijiet għal titjib.

6.5. L-awtorità kompetenti għamlet xi kontroll fuq ir-rapporti vverifikati dwar l-emissjonijiet? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika x'kontrolli twettqu billi tuża t-tabella ta' hawn taħt:

Kontrolli fuq ir-rapporti ta' verifika verifikati		
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet ikkontrollati għal kompletezza u għall-konsistenza interna	%	
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet ikkontrollati għall-konsistenza mal-pjan ta' monitoraġġ	%	
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet li ġew kontroverifikati b'*data* dwar l-allokazzjoni	%	
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet li ġew kontroverifikati b'*data* oħra Jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li magħha saru kontroverifiki ta'*data* oħra billi tuża t-tielet kolonna	%	
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet li ġew analizzati fid-dettall Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-għażla tar-rapporti dwar l-emissjonijiet għal analiżi dettaljata billi tuża t-tielet kolonna ([1])	%	
Numru ta' rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li ġew rifjutati minħabba nuqqas ta' konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066		
Numru ta' rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li ġew irrifjutati minħabba raġunijiet oħrajn Jekk jogħġbok indika r-raġunijiet għar-rifjut tar-rapporti dwar l-emissjonijiet billi tuża t-tielet kolonna		

Azzjoni meħuda minħabba li r-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet ġew irrifjutati	
Azzjoni oħra meħuda minħabba kontrolli fuq rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet	

([1]) Jekk jogħġbok agħżel: valutazzjoni bbażata fuq ir-riskji, % tal-installazzjonijiet, l-installazzjonijiet kollha tal-kategorija C, għażla aleatorja, jew oħrajn (jekk oħrajn, jekk jogħġbok speċifika).

6.6. Ġew rinunzjati żjarat fuq il-post għal installazzjonijiet li jarmu aktar minn 25 000 tunnellata $CO_{2(e)}$ fis-sena? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' installazzjonijiet li għalihom ġiet rinunzjata żjara fuq il-post għal kundizzjoni partikolari. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Kundizzjoni għar-rinunzja taż-żjara fuq il-post ([1])	Attività Ewlenija tal-Anness I	Numru ta' installazzjonijiet

([1]) Jekk jogħġbok agħżel il-kundizzjoni(jiet) kif imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067.

Ġew rinunzjati żjarat fuq il-post għal installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi msemmijin fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok fit-tabella ta' hawn taħt indika n-numru ta' installazzjonijiet li għalihom ġiet rinunzjata żjara fuq il-post.

In-numru totali ta' żjarat fuq il-post rinunzjati għal installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi	

6.7. Saru żjarat virtwali fuq il-post f'konformità mal-Artikolu 34a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt:

— it-tip ta' force majeure u n-numru ta' installazzjonijiet li għalihom twettqu żjarat virtwali fuq il-post,

— jekk tkunx inkisbet l-approvazzjoni ta' awtorità kompetenti jew jekk tkunx ġiet applikata awtorizzazzjoni ġenerika f'konformità mal-Artikolu 34a(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067; u

— konferma li l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' żjarat virtwali fuq il-post f'konformità mal-Artikolu 34a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 ġew issodisfati.

Tip ta' force majeure	Numru ta' installazzjonijiet li għalihom saru żjarat virtwali fuq il-post	Approvazzjoni mill-awtorità kompetenti jew applikazzjoni tal-Artikolu 34a(4) ([1])	Konferma tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 34a ssodisfati

([1]) Jekk jogħġbok agħżel l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti jew l-awtorizzazzjoni ġenerika skont l-Artikolu 34a(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067.

6.C. **Operaturi tal-inġenji tal-ajru**

6.8. Għal liema operaturi tal-inġenji tal-ajru l-awtorità kompetenti għamlet stima konservattiva tal-emissjonijiet f'konformità mal-Artikolu 70(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur tal-inġenji tal-ajru ([1])	Emissjonijiet annwali totali tal-operatur tal-inġenji tal-ajru (t $CO_{2(e)}$)	Raġuni għaliex saret stima konservattiva ([2])	Sehem (f'%) tal-emissjonijiet tal-operatur tal-inġenji tal-ajru stmati b'mod konservattiv	Metodu użat għall-istima konservattiva tal-emissjonijiet	Azzjoni ulterjuri meħuda jew proposta ([3])

([1]) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur tal-inġenji tal-ajru rikonoxxut f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122.

([2]) Jekk jogħġbok agħżel: l-ebda rapport dwar l-emissjonijiet ma ġie sottomess sal-31 ta' Marzu, l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva ma ngħatat minħabba dikjarazzjonijiet skorretti materjali, l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva ma ngħatat minħabba l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 27(1), il-punt (c), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067), l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva ma ngħatat minħabba l-Artikolu 27(1) il-punt (d), ta' dak ir-Regolament, ir-rapport dwar l-emissjonijiet ġie rrifjutat minħabba li ma kienx konformi mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, ir-rapport dwar l-emissjonijiet ma kienx ivverifikat f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067.

([3]) Jekk jogħġbok indika liema mill-azzjonijiet li ġejjin twettqu jew qegħdin jiġu proposti: tfakkira jew twissija formali dwar l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet mibgħuta lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-imblukkar tal-kont ta' depożitu tal-operatur tal-inġenji tal-ajru, l-impożizzjoni ta' multi, jew oħrajn (jekk jogħġbok speċifika). Taħlita tal-azzjonijiet hija possibbli.

Kemm-il operatur tal-inġenji tal-ajru rċieva dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika negattiva jew ma ssottomettiex rapport dwar l-emissjonijiet sal-iskadenza meħtieġa?

Agħżel l-opzjoni ([1])	Numru totali ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru

([1]) Jekk jogħġbok speċifika: l-ebda rapport dwar l-emissjonijiet ma ġie sottomess sal-31 ta' Marzu, l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva ma ngħatat minħabba dikjarazzjonijiet skorretti materjali, l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva ma ngħatat minħabba l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 27(1), il-punt (c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067), l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva ma ngħatat minħabba l-Artikolu 27(1), il-punt (d) ta' dak ir-Regolament.

6.9. Kien hemm xi rapport ta' verifika li inkluda dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jew rakkomandazzjonijiet għal titjib? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni fit-tabelli ta' hawn taħt għad-*data* dwar l-emissjonijiet u t-tunnellati-kilometri rispettivament.

Tabella għad-data relatata mar-rapporti dwar l-emissjonijiet

Tip ta' kwistjoni li nstabet ([1])	Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru	Numru ta' kwistjonijiet	Sehem (f'%) mir-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li wasslu għal stima konservattiva tal-emissjonijiet mill-awtorità kompetenti

([1]) Jekk jogħġbok agħżel: dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jew rakkomandazzjonijiet għal titjib.

Tabella għad-data relatata ma' rapporti dwar it-tunnellati-kilometri

Tip ta' kwistjoni li nstabet ([1])	Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru	Numru ta' kwistjonijiet

([1]) Jekk jogħġbok agħżel: dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jew rakkomandazzjonijiet għal titjib.

6.10. L-awtorità kompetenti wettqet xi kontroll fuq ir-rapporti vverifikati dwar l-emissjonijiet? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika x'verifiki saru billi tuża t-tabella ta' hawn taħt għad-*data* dwar l-emissjonijiet u t-tunnellati-kilometri rispettivament.

Tabella għad-data relatata mar-rapporti dwar l-emissjonijiet

Kontrolli fuq ir-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet		
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet ikkontrollati għall-kompletezza u għall-konsistenza interna	%	
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet ikkontrollati għall-konsistenza mal-pjan ta' monitoraġġ	%	
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet li ġew kontroverifikati b'*data* oħra Jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li magħha saru kontroverifiki ta' *data* oħra billi tuża t-tielet kolonna	%	
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet li ġew analizzati fid-dettall Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-għażla tar-rapporti dwar l-emissjonijiet għal analiżi dettaljata billi tuża t-tielet kolonna ([1])	%	
Numru ta' rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li ġew irrifjutati minħabba nuqqas ta' konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066		
Numru ta' rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li ġew irrifjutati minħabba raġunijiet oħrajn Jekk jogħġbok indika r-raġunijiet għar-rifjut tar-rapporti dwar l-emissjonijiet billi tuża t-tielet kolonna		
Azzjoni meħuda minħabba rifjut tar-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet		
Azzjoni oħra meħuda minħabba kontrolli fuq rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet		

([1]) Jekk jogħġbok agħżel: valutazzjoni bbażata fuq ir-riskji, % tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru l-kbar kollha, għażla aleatorja, jew oħrajn (jekk oħrajn, jekk jogħġbok speċifika).

Tabella għad-data relatata ma' rapporti dwar it-tunnellati-kilometri

Kontrolli dwar ir-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri		
Sehem mir-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri verifikati għal kompletezza u konsistenza interna	%	
Sehem mir-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri verifikati għall-konsistenza mal-pjan ta' monitoraġġ	%	
Sehem mir-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri li ġew kontroverifikati ma' *data* oħra Jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li magħha saru kontroverifiki ta' *data* oħra billi tuża t-tielet kolonna	%	
Sehem mir-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri li ġew analizzati fid-dettall Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-għażla tar-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri għal analiżi dettaljata billi tuża t-tielet kolonna ([1])	%	
Numru ta' rapporti verifikati dwar it-tunnellati-kilometri rifjutati minħabba nuqqas ta' konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066		

Numru ta' rapporti verifikati dwar it-tunnellati-kilometri rifjutati minħabba raġunijiet oħrajn Jekk jogħġbok indika r-raġunijiet għar-rifjut tar-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri billi tuża t-tielet kolonna		
Azzjoni meħuda minħabba kontrolli fuq rapporti verifikati dwar it-tunnellati-kilometri		

([1]) Jekk jogħġbok agħżel: valutazzjoni bbażata fuq ir-riskji, % tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru, operaturi ta' inġenji tal-ajru kbar, għażla aleatorja, jew oħrajn (jekk oħrajn, jekk jogħġbok speċifika).

6.11. Ġew rinunzjati żjarat fuq il-post għal emittenti żgħar imsemmijin fl-Artikolu 55(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' emittenti żgħar li għalihom ġiet rinunzjata żjara fuq il-post.

Numru totali ta' żjarat fuq il-post rinunzjati għal emittenti żgħar	

6.12. Saru żjarat virtwali fuq il-post f'konformità mal-Artikolu 34a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt:

— it-tip ta' force majeure u n-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom twettqu żjarat virtwali fuq il-post,

— jekk tkunx inkisbet l-approvazzjoni ta' awtorità kompetenti jew jekk tkunx ġiet applikata awtorizzazzjoni ġenerika f'konformità mal-Artikolu 34a(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067; u

— konferma li l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' żjarat virtwali fuq il-post f'konformità mal-Artikolu 34a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 ġew issodisfati.

Tip ta' force majeure	Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom twettqu żjarat virtwali fuq il-post	Approvazzjoni mill-awtorità kompetenti jew l-applikazzjoni tal-Artikolu 34a(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 ([1])	Konferma tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 34a ssodisfati

([1]) Jekk jogħġbok agħżel l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti jew l-awtorizzazzjoni ġenerika skont l-Artikolu 34a(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067.

7. **Reġistri**

7.1. Jekk jogħġbok ehmeż kopja tat-termini u tal-kundizzjonijiet speċifiċi meħtieġa tal-Istat Membru tiegħek li jiġu ffirmati mid-detenturi ta' kontijiet.

7.2. Fil-każijiet kollha fejn kont ingħalaq għaliex ma kienx hemm prospettiva raġonevoli sabiex jiġu ċeduti aktar kwoti minn installazzjoni jew minn operatur tal-inġenji tal-ajru, jekk jogħġbok iddeskrivi fit-tabella ta' hawn taħt għaliex ma kien hemm ebda prospettiva raġonevoli ulterjuri u ddikjara l-ammont ta' kwoti pendenti. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Installazzjoni/ kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur tal-inġenji tal-ajru ([1])	Operatur Isem	Isem l-installazzjoni	Numru ta' kwoti pendenti	Raġuni għan-nuqqas ta' prospett ulterjuri raġonevoli

([1]) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122.

7.3. F'kemm-il okkażjoni matul is-sena ta' rapportar l-operaturi tal-inġenji tal-ajru użaw il-mandat kif previst fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 ([7])? Jekk jogħġbok speċifika hawn taħt in-numru ta' drabi.

Numru ta' drabi li l-mandat intuża matul il-perjodu ta' rapportar	

Liema operaturi tal-inġenji tal-ajru użaw mandat matul il-perjodu ta' rapportar kif stipulat fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122? Jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni billi tuża t-tabella ta' hawn taħt. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur tal-inġenji tal-ajru ([1])	Isem l-operatur ta' inġenji tal-ajru

([1]) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru rikonoxxut f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122.

8. **Allokazzjoni**

Il-mistoqsijiet 8.1, 8.2, 8.3, 8.10, 8.11 u 8.17 għandhom jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2022 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

8.A. **Tagħrif ġenerali**

8.1. Qed tuża l-mudell żviluppat mill-Kummissjoni għall-pjanijiet tal-metodoloġija ta' monitoraġġ, għar-rapporti tad-*data* tal-linja bażi, għar-rapporti annwali tal-livell ta' attività u għar-rapporti ta' verifika? Iva/Le

Jekk le, jekk jogħġbok speċifika fit-tabella ta' hawn taħt jekk żviluppajtx mudelli elettroniċi personalizzati tal-Istat Membru jew formati ta' fajls speċifiċi għall-pjanijiet tal-metodoloġija ta' monitoraġġ, ir-rapporti tad-*data* tal-linja bażi, ir-rapporti annwali tal-livell ta' attività u r-rapporti ta' verifika u indika liema elementi huma differenti meta mqabbla mal-mudell żviluppat mill-Kummissjoni.

	Mudell jew format tal-fajl speċifiku għall-Istat Membru ([1])	X'elementi tal-mudell jew liema format tal-fajls speċifiku huma speċifiċi għall-Istat Membru ([2])?
Pjan tal-metodoloġija ta' monitoraġġ		
Rapport tad-*data* tal-linja bażi		
Rapport annwali dwar il-livell ta' attività		
Rapport ta' verifika		

([1]) Jekk jogħġbok agħżel il-mudell speċifiku għall-Istat Membru jew il-format tal-fajls speċifiku għall-Istat Membru.
([2]) Meta mqabblin mar-rekwiżiti tal-mudell ippubblikat u l-formati tal-fajls speċifiċi tal-Kummissjoni.

8.2. It-tariffi jintalbu lill-operaturi fir-rigward tal-attivitajiet skont ir-Regolament Delegat (UE) 2019/331 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-tabella ta' hawn taħt dwar dawn it-tariffi:

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'Euro
Approvazzjoni tal-pjan tal-metodoloġija ta' monitoraġġ	

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3).

Approvazzjoni ta' bidliet sinifikanti fil-pjan tal-metodoloġija ta' monitoraġġ	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:	

8.3. Jekk l-Istati Membri qed jużaw sistema tal-IT, din is-sistema tkopri wkoll l-attivitajiet skont ir-Regolament Delegat (UE) 2019/331 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842? Iva/Le

8.4. Jekk jogħġbok imla fit-tabella ta' hawn taħt l-informazzjoni dwar ir-rinunzja u s-sospensjoni tal-kwoti u l-irkupru tal-kwoti żejda b'riżultat ta' allokazzjoni żejda:

	Numru ta' installazzjonijiet
Kemm-il installazzjoni rrinunzjat allokazzjoni bla ħlas għas-subinstallazzjonijiet kollha jew għal ċerti subinstallazzjonijiet skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331?	
Għal kemm-il installazzjoni l-awtorità kompetenti ssospendiet il-ħruġ ta' kwoti f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842?	
Għal kemm-il installazzjoni l-awtorità kompetenti rkuprat kwoti żejda li jirriżultaw minn allokazzjoni żejda f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842?	

8.5. Kien hemm subinstallazzjonijiet li jużaw il-parametru referenzjarju tal-fjuwil jew il-parametru referenzjarju tas-sħana li għalih huwa applikat l-Artikolu 6(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok imla fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' subinstallazzjonijiet ikkonċernati:

Numru ta' subinstallazzjonijiet ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil ikkonċernati	Numru ta' subinstallazzjonijiet ta' parametru referenzjarju tas-sħana kkonċernati

Kien hemm subinstallazzjonijiet li għalihom l-awtorità kompetenti rrifjutat l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok imla fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' subinstallazzjonijiet:

Numru ta' subinstallazzjonijiet ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil ikkonċernati	Numru ta' subinstallazzjonijiet ta' parametru referenzjarju tas-sħana kkonċernati

Kien hemm subinstallazzjonijiet li jużaw il-parametru referenzjarju tal-fjuwil jew tas-sħana li għalihom ġie applikat l-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok imla fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' subinstallazzjonijiet ikkonċernati:

Numru ta' subinstallazzjonijiet ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil ikkonċernati	Numru ta' subinstallazzjonijiet ta' parametru referenzjarju tas-sħana kkonċernati

8.6. Jekk jogħġbok speċifika n-numru ta' installazzjonijiet li ġew eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS:

Raġuni	Numru ta' installazzjonijiet
Terminazzjoni	

Tnaqqis tal-kapaċità li ġġib l-installazzjoni li twettaq attivitajiet ta' kombustjoni taħt l-20 MW	
It-tnaqqis tal-kapaċità li ġġib l-installazzjoni taħt limitu tal-kapaċità tal-produzzjoni elenkat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Il-bejgħ jew it-trasferiment ta' parti mill-installazzjoni lil entità ġuridika oħra, li jġib l-installazzjoni taħt limitu elenkat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Bidla fil-konfini jew fil-permess tal-installazzjoni, li ġġib l-installazzjoni taħt limitu elenkat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Raġunijiet oħrajn, jekk jogħġbok speċifika	

8.7. Applikajt l-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi fit-tabella ta' hawn taħt in-numru totali ta' kwoti tal-emissjonijiet maħruġin u l-valur totali ta' investimenti li saru fil-perjodu ta' rapportar.

	Fi ħdan il-perjodu ta' rapportar
Numru totali ta' kwoti tal-emissjonijiet maħruġin skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE	
Valur totali ta' investimenti skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE	

8.B. **Rapporti tad-*data* tal-linja bażi**

8.8. Kemm-il installazzjoni rċeviet dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika negattiva għar-rapporti tad-*data* tal-linja bażi?

Aġġel l-opzjoni ([1])	Numru totali ta' installazzjonijiet

([1]) Jekk jogħġbok speċifika: l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva minħabba dikjarazzjonijiet skorretti materjali (l-Artikolu 27(1), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067), l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva minħabba l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 27(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament), l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva minħabba l-Artikolu 27(1), il-punt (d) ta' dak ir-Regolament.

8.9. Kien hemm xi rapport ta' verifika li inkluda dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 jew rakkomandazzjonijiet għal titjib? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni fit-tabella ta' hawn taħt:

Attività Ewlenija tal-Anness I	Tip ta' kwistjoni li nstabet ([1])	Numru ta' installazzjoni-jiet	Numru ta' kwistjonijiet	In-numru ta' installazzjonijiet li għalihom l-awtorità kompetenti ddeterminat il-livelli ta' attività storika f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 minħabba li d-diskrepanzi fid-*data* li wasslu għall-opinjoni tal-verifikatur kienu dovuti għal ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevedibbli li ma setgħux jiġu evitati anke jekk kienet ġiet eżerċitata l-attenzjoni xierqa kollha.

([1]) Jekk jogħġbok speċifika: dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/331, rakkomandazzjonijiet għal titjib.

8.C. ***Data* annwali dwar il-livell ta' attività**

8.10. L-awtorità kompetenti talbet lill-operaturi jirrapportaw parametri addizzjonali inklużi fl-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' parametri addizzjonali:

Tip ta' parametri addizzjonali	

8.11. L-awtorità kompetenti rrikjediet il-preżentazzjoni ta' rapport preliminari dwar il-livell ta' attività? Iva/Le

Jekk iva, liema skeda ta' żmien tapplika għall-preżentazzjoni tar-rapport preliminari dwar il-livell ta' attività?

Skeda ta' żmien għall-preżentazzjoni tar-rapport preliminari dwar il-livell ta' attività	

8.12. Kemm-il installazzjoni rċeviet dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika negattiva għal rapport annwali dwar il-livell ta' attività jew ma ssottomettietx rapport annwali dwar il-livell ta' attività sal-iskadenza meħtieġa?

Agħżel l-opzjoni [1]	Numru totali ta' installazzjonijiet	Numru ta' installazzjonijiet li għalihom twettqet stima konservattiva tad-*data* dwar l-allokazzjoni mill-awtorità kompetenti

[1] Jekk jogħġbok speċifika: l-ebda rapport annwali dwar il-livell ta' attività ma ġie sottomess sal-31 ta' Marzu, l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva minħabba dikjarazzjoni skorretta materjali (l-Artikolu 27(1), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067), l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva minħabba limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 27(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067, l-ebda dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika pożittiva minħabba l-Artikolu 27(1), il-punt (d) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067.

8.13. Kien hemm xi rapport ta' verifika li inkluda dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842 jew rakkomandazzjonijiet għal titjib? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni fit-tabella ta' hawn taħt:

Attività Ewlenija tal-Anness I	Tip ta' kwistjoni li nstabet [1]	Numru ta' installazzjonijiet	Numru ta' kwistjonijiet	Numru ta' installazzjonijiet li għalihom twettqet stima konservattiva tad-*data* dwar l-allokazzjoni mill-awtorità kompetenti

[1] Jekk jogħġbok speċifika: dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842, rakkomandazzjonijiet għal titjib.

8.14. L-awtorità kompetenti rrifjutat ir-rapporti annwali dwar il-livell ta' attività? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok, imla t-tabella ta' hawn taħt:

Rifjut tar-rapporti annwali dwar il-livell ta' attività		
In-numru ta' rapporti annwali verifikati tal-livell ta' attività li ġew miċħuda minħabba nuqqas ta' konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842		

Numru ta' rapporti annwali verifikati dwar il-livell ta' attività li ġew rifjutati minħabba raġunijiet oħrajn Jekk jogħġbok indika r-raġunijiet għar-rifjut tar-rapporti annwali dwar il-livell ta' attività billi tuża t-tielet kolonna		
Azzjoni meħuda minħabba li r-rapporti annwali dwar il-livell ta' attività ġew irrifjutati		
Azzjoni oħra meħuda minħabba l-kontrolli fuq rapporti verifikati dwar il-livell ta' attività		

8.15. Iż-żjarat fuq il-post ġew irrinunzjati matul il-verifika tar-rapporti annwali dwar il-livell ta' attività? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' installazzjonijiet li għalihom ġiet rinunzjata żjara fuq il-post għal kundizzjoni partikolari. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Kriterji għar-rinunzja taż-żjara fuq il-post ([1])	Numru ta' installazzjonijiet

([1]) Jekk jogħġbok agħżel il-kriterji kif imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067.

8.16. Saru żjarat virtwali fuq il-post f'konformità mal-Artikolu 34a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 matul il-verifika tar-rapporti annwali dwar il-livell ta' attività? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt:

— it-tip ta' force majeure u n-numru ta' installazzjonijiet li għalihom twettqu żjarat virtwali fuq il-post,

— jekk l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti nkisbitx jew jekk ġietx applikata awtorizzazzjoni ġenerika f'konformità mal-Artikolu 34a(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067; u

— konferma li l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' żjarat virtwali fuq il-post f'konformità mal-Artikolu 34a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 ġew issodisfati.

Tip ta' force majeure	In-numru ta' installazzjonijiet li għalihom twettqu żjarat virtwali fuq il-post	Approvazzjoni mill-awtorità kompetenti jew applikazzjoni tal-Artikolu 34a(4) ([1])	Konferma li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 34a huma ssodisfati

([1]) Jekk jogħġbok agħżel l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti jew l-awtorizzazzjoni ġenerika skont l-Artikolu 34a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067.

8.17. Liema penali japplikaw għall-ksur tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842 u tal-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok imla t-tabella u żid aktar ringieli jekk ikun hemm bżonn.

Tip ta' ksur	Multi f'Euro		Priġunerija f'xhur		Oħrajn
	Minimu	Massimu	Minimu	Massimu	
Nuqqas ta' pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti					
Nuqqas ta' monitoraġġ u ta' implimentazzjoni ta' proċeduri f'konformità mal-pjan tal-metodoloġija ta' monitoraġġ approvat u mar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842					

Nuqqas ta' notifika tal-bidliet fil-pjan tal-metodoloġija ta' monitoraġġ u aġġornament tal-pjan tal-metodoloġija ta' monitoraġġ f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331					
Nuqqas ta' preżentazzjoni ta' rapport annwali dwar il-livell ta' attività sal-iskadenza meħtieġa					
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika					

8.18. Liema ksur seħħ u liema penali ġew imposti matul il-perjodu ta' rapportar skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok imla t-tabella u żid aktar ringieli jekk ikun hemm bżonn.

Tip ta' ksur	Penali reali imposti fil-perjodu ta' rapportar			Għaddejjin proċedimenti relatati mal-impożizzjoni tal-penali? Iva/Le	Il-penali ġiet infurzata fl-istess perjodu ta' rapportar? Iva/Le
	Multi f'Euro	Priġunerija f'xhur	Oħrajn		
Jenħtieġ li t-tip ta' ksur jintgħażel mil-lista fil-mistoqsija 8.17. Jenħtieġ li kull penali imposta tiġi rrapportata f'linja separata					

Ġew imposti penali f'perjodi ta' rapportar preċedenti infurzati fil-perjodu ta' rapportar attwali?

Jekk iva, jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt:

Tip ta' ksur	Tip ta' penali ([1])	Is-sena ta' rapportar li fiha ġiet irrapportata l-penali

([1]) Jekk jogħġbok agħżel multi, priġunerija jew oħrajn.

9. **Tariffi u imposti**

Il-mistoqsijiet 9.1, 9.2 u 9.3 iridu jitwieġbu biss fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2022 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

9.A. **Installazzjonijiet**

9.1 L-operaturi jintalbu jħallsu tariffi? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok fit-tabella ta' hawn taħt ipprovdi d-dettalji rigward it-tariffi mitlubin għall-ħruġ u għall-aġġornament tal-permessi u għall-approvazzjoni u għall-aġġornament tal-pjanijiet ta' monitoraġġ.

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'Euro
Ħruġ tal-permess/approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ	
Aġġornament tal-permess	
Trasferiment tal-permess	
Ċessjoni tal-permess	

Applikazzjoni ta' riżerva għal entranti ġodda	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:	

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji għat-tariffi annwali ta' sussistenza billi tuża t-tabella li ġejja.

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'Euro
Tariffa annwali ta' sussistenza	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika	

9.B. **Operaturi tal-inġenji tal-ajru**

9.2 L-operaturi tal-inġenji tal-ajru jintalbu jħallsu tariffa? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-tabella ta' hawn taħt rigward it-tariffi mitlubin għall-approvazzjoni u għall-aġġornament tal-pjanijiet ta' monitoraġġ.

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'Euro
Approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ għall-emissjonijiet	
Approvazzjoni ta' bidla fil-pjan ta' monitoraġġ għall-emissjonijiet	
Approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ għad-*data* dwar it-tunnellati-kilometri	
Approvazzjoni ta' bidla fil-pjan ta' monitoraġġ għad-*data* dwar it-tunnellati-kilometri	
Trasferiment tal-pjan ta' monitoraġġ	
Ċessjoni tal-pjan ta' monitoraġġ	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika	

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi fit-tabella ta' hawn taħt id-dettalji għat-tariffi annwali ta' sussistenza.

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'Euro
Tariffa annwali ta' sussistenza	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika	

9.C. **Installazzjonijiet u operaturi tal-inġenji tal-ajru**

9.3 Fit-tabelli ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika t-tariffi ta' darba u annwali li jintalbu lill-operaturi u lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru fir-rigward tal-kontijiet tar-reġistru.

Tabella għat-tariffi ta' darba

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'Euro

Tabella għat-tariffi annwali

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'Euro

10. **Kwistjonijiet relatati mal-konformità mad-Direttiva dwar l-ETS**

10.A. **Installazzjonijiet**

Il-mistoqsija 10.2 għandha titwieġeb fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2022 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

10.1. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika x'miżuri ttieħdu biex jiġi żgurat li l-operaturi kkonformaw mal-permess u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Miżuri meħudin biex tiġi żgurata konformità	Iva/Le	Kumment
Saru spezzjonijiet mill-awtorità kompetenti fuq l-installazzjonijiet? Jekk jogħġbok speċifika n-numru ta' spezzjonijiet fuq il-post fit-tabella kummenti.		
Il-bejgħ tal-kwoti tal-emissjonijiet kien ipprojbit fil-każ ta' irregolaritajiet?		
Ittieħdu miżuri preventivi biex tiġi żgurata l-konformità tal-operatur? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika fil-kaxxa tal-kummenti t-tip ta' miżuri		
Ġew identifikati xi nuqqasijiet rikorrenti bħala riżultat ta' miżuri preventivi u ta' spezzjoni?		
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:		

10.2. Liema penali japplikaw għall-ksur tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 u tal-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok imla t-tabella u żid aktar ringieli jekk ikun hemm bżonn.

Tip ta' ksur	Multi f'Euro		Priġunerija f'xhur		Oħrajn
	Minimu	Massimu	Minimu	Massimu	
Operazzjoni bla permess					
Nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet tal-permess					
Nuqqas ta' pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti					
Nuqqas milli tiġi sottomessa dokumentazzjoni ta' sostenn f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066					
Nuqqas ta' pjan(ijiet) ta' kampjunar meħtieġ(a) approvat(i) mill-awtorità kompetenti					
Nuqqas ta' monitoraġġ u ta' implimentazzjoni ta' proċeduri f'konformità mal-pjan ta' monitoraġġ approvat u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066					
Nuqqas milli jiġu nnotifikati bidliet fil-pjan ta' monitoraġġ u milli jiġi aġġornat il-pjan ta' monitoraġġ f'konformità mal-Artikoli 14, 15 u 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066					
Nuqqas milli jiġi sottomess rapport verifikat dwar l-emissjonijiet sal-31 ta' Marzu jew qabel jekk l-awtorità kompetenti tistabbilixxi skadenza aktar bikrija					

Nuqqas milli jiġi sottomess/jiġu sottomessi rapport(i) tat-titjib f'konformità mal-Artikolu 69 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066					
Nuqqas milli tiġi pprovduta informazzjoni lill-verifikatur f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067					
Ir-rapport verifikat dwar l-emissjonijiet jinstab li ma huwiex konformi mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066					
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika					

F'liema liġi nazzjonali ġew definiti l-ksur u l-penali?

10.3. Liema ksur seħħ u liema penali ġew imposti matul il-perjodu ta' rapportar skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok imla t-tabella u żid aktar ringieli jekk ikun hemm bżonn.

Tip ta' ksur	Penali reali imposti fil-perjodu ta' rapportar			Għaddejjin proċedimenti relatati mal-impożizzjoni tal-penali? Iva/Le	Il-penali ġiet infurzata fl-istess perjodu ta' rapportar? Iva/Le
	Multi f'Euro	Priġunerija f'xhur	Oħrajn		
Jenħtieġ li t-tip ta' ksur jintgħażel mil-lista fil-mistoqsija 10.2. Jenħtieġ li kull penali imposta tiġi rrapportata f'linja separata.					

Ġew imposti penali f'perjodi ta' rapportar preċedenti infurzati fil-perjodu ta' rapportar attwali? Jekk iva, jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt:

Tip ta' ksur	Tip ta' penali ([1])	Is-sena ta' rapportar li fiha ġiet irrapportata l-penali

([1]) Jekk jogħġbok agħżel multi, priġunerija jew oħrajn.

10.4. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok ipprovdi l-ismijiet tal-operaturi li għalihom ġew imposti penali għal emissjonijiet eċċessivi matul il-perjodu ta' rapportar skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni ([1])	Isem l-operatur

([1]) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122.

10.B. **Operaturi tal-inġenji tal-ajru**

Il-mistoqsijiet 10.6 u 10.9 għandhom jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2022 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

10.5. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika x'miżuri ttieħdu biex jiġi żgurat li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru kkonformaw mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Miżuri meħuda	Iva/Le	Kummenti
Saru spezzjonijiet fuq l-operaturi tal-inġenji tal-ajru mill-awtorità kompetenti? Jekk jogħġbok speċifika n-numru ta' spezzjonijiet fuq il-post taħt kummenti.		
Il-bejgħ tal-kwoti tal-emissjonijiet kien ipprojbit fil-każ ta' irregolaritajiet?		
Ittieħdu miżuri preventivi biex tiġi żgurata l-konformità tal-operatur tal-inġenji tal-ajru? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika fil-kaxxa tal-kummenti t-tip ta' miżuri.		
Ġew identifikati xi nuqqasijiet rikorrenti bħala riżultat ta' miżuri preventivi u ta' spezzjoni?		
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:		

10.6. Liema penali japplikaw għall-ksur tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 u tal-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok imla t-tabella u żid aktar ringieli jekk ikun hemm bżonn.

Tip ta' ksur	Multi f'Euro		Priġunerija f'xhur		Oħrajn
	Minimu	Massimu	Minimu	Massimu	
Nuqqas ta' pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti					
Nuqqas milli tiġi sottomessa dokumentazzjoni ta' sostenn f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066					
Nuqqas ta' monitoraġġ u ta' implimentazzjoni ta' proċeduri f'konformità mal-pjan ta' monitoraġġ approvat u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066					
Nuqqas milli jiġu nnotifikati bidliet fil-pjan ta' monitoraġġ u milli jiġi aġġornat il-pjan ta' monitoraġġ f'konformità mal-Artikoli 14, 15 u 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066					
Nuqqas milli jiġu kkoreġuti d-diskrepanzi fir-rapportar tal-kompletezza tat-titjiriet					
Nuqqas milli jiġi sottomess rapport verifikat dwar l-emissjonijiet sal-31 ta' Marzu jew qabel jekk l-awtorità kompetenti tistabbilixxi skadenza aktar bikrija					
Nuqqas milli jiġi sottomess/jiġu sottomessi rapport(i) tat-titjib f'konformità mal-Artikolu 69 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066					
Nuqqas milli tiġi pprovduta informazzjoni lill-verifikatur f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067					

Ir-rapport verifikat dwar l-emissjonijiet jinstab li ma huwiex konformi mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066					
Ir-rapport verifikat dwar it-tunnellati-kilometri jinstab li ma huwiex konformi mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066					
Kwoti żejda mhux irritornati mill-operatur tal-inġenji tal-ajru minkejja li r-ritorn ikun qed jintalab mill-awtorità kompetenti					
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:					

F'liema liġi nazzjonali ġew definiti l-ksur u l-penali?

10.7. Liema ksur instab u liema penali ġew imposti matul il-perjodu ta' rapportar skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok imla t-tabella u żid aktar ringieli jekk ikun hemm bżonn.

Tip ta' ksur	Penali reali imposti fil-perjodu ta' rapportar			Għaddejjin proċedimenti relatati mal-impożizzjoni tal-penali? Iva/Le	Il-penali ġiet infurzata fl-istess perjodu ta' rapportar? Iva/Le
	Multi f'Euro	Priġunerija f'xhur	Oħrajn		
Jenħtieġ li t-tip ta' ksur jintgħażel mil-lista fil-mistoqsija 10.6. Jenħtieġ li kull penali imposta tiġi rrapportata f'linja separata.					

Ġew imposti penali f'perjodi ta' rapportar preċedenti infurzati fil-perjodu ta' rapportar attwali?

Jekk iva, jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt.

Tip ta' ksur	Tip ta' penali ([1])	Is-sena ta' rapportar li fiha ġiet irrapportata l-penali

([1]) Jekk jogħġbok agħżel multi, priġunerija jew oħrajn.

10.8. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok ipprovdi l-ismijiet tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom ġew imposti penali għal emissjonijiet eċċessivi matul il-perjodu ta' rapportar skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur tal-inġenji tal-ajru ([1])	Isem l-operatur tal-inġenji tal-ajru

([1]) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur tal-inġenji tal-ajru rikonoxxut f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122.

10.9. X'miżuri jkunu jridu jittieħdu fl-Istat Membru tiegħek qabel ma tintalab projbizzjoni operattiva mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 16(10) tad-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok speċifika hawn taħt it-tipi ta' miżuri.

11. **In-natura ġuridika tal-kwoti u t-trattament fiskali**

Il-mistoqsijiet 11.1, 11.2, 11.3 u 11.4 għandhom jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2022 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

11.1. X'inhi l-għamla legali ta' kwota fl-Istat Membru tiegħek?

11.2. X'inhu t-trattament kontabilistiku finanzjarju tal-kwoti tal-emissjonijiet fl-Istat Membru tiegħek?

11.3. Il-VAT hija dovuta fuq il-ħruġ u fuq it-tranżazzjonijiet ta' kwoti tal-emissjonijiet? Iva/Le

Jekk iva, l-Istat Membru tiegħek japplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge? Iva/Le

11.4. Il-kwoti tal-emissjonijiet huma ntaxxati? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt it-tip ta' taxxa u r-rati tat-taxxa li japplikaw. Jekk ikun hemm bżonn, żid iktar ringieli.

Tip tat-taxxa	Rata tat-taxxa applikata

12. **Frodi**

Il-mistoqsijiet 12.1 u 12.2 iridu jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2022 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

12.1 Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika x'arranġamenti hemm fis-seħħ dwar attivitajiet frawdolenti relatati mal-allokazzjoni libera tal-kwoti.

Arranġamenti dwar attivitajiet frawdolenti	Dettalji tal-arranġamenti u l-proċeduri fil-liġi nazzjonali
Hemm proċeduri jew proċessi fis-seħħ biex l-operaturi, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jew partijiet terzi jqajmu tħassib dwar attività potenzjalment frawdolenti rigward l-allokazzjoni libera tal-kwoti? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika liema proċeduri.	
L-istess leġiżlazzjoni tirregola attivitajiet frawdolenti relatati mal-allokazzjoni bla ħlas ta' kwoti bħal tipi oħra ta' frodi? Jekk le, jekk jogħġbok indika l-leġiżlazzjoni rilevanti.	
Liema awtoritajiet huma responsabbli għall-investigazzjoni tal-frodi fir-rigward tal-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti?	

L-istess proċeduri japplikaw għall-investigazzjoni ta' frodi rigward l-allokazzjoni bla ħlas ta' kwoti fl-EU ETS bħal tipi oħra ta' frodi fl-Istat Membru tiegħek? Iva/Le. Jekk le, jekk jogħġbok iddeskrivi l-proċeduri u r-rwol tal-awtorità kompetenti tal-EU ETS f'dawk il-proċeduri.	
L-istess proċeduri japplikaw għall-prosekuzzjoni ta' frodi fir-rigward tal-allokazzjoni bla ħlas ta' kwoti fl-EU ETS bħal tipi oħra ta' frodi fl-Istat Membru tiegħek? Iva/Le. Jekk le, jekk jogħġbok iddeskrivi l-proċeduri u r-rwol tal-awtorità kompetenti tal-EU ETS f'dawk il-proċeduri.	
Fil-każ ta' prosekuzzjoni għal attivitajiet frawdolenti, x'inhuma l-penali massimi? Jekk jogħġbok iddeskrivi l-multi u t-termini ta' priġunerija.	

12.2 Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika x'arranġamenti hemm fis-seħħ biex l-awtoritajiet kompetenti involuti fl-implimentazzjoni tal-EU ETS jiġu mgħarrfin dwar attivitajiet frawdolenti.

Arranġamenti li jikkonċernaw il-komunikazzjoni ta' attivitajiet frawdolenti lill-awtorità kompetenti	Dettalji dwar l-arranġamenti u l-proċeduri
L-awtorità kompetenti fil-qafas tal-EU ETS tiġi infurmata meta l-awtoritajiet responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-frodi jwettqu investigazzjoni dwar attivitajiet frawdolenti ta' operatur jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru fil-qafas tal-EU ETS? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika kif.	
L-awtorità kompetenti tiġi infurmata b'każijiet dwar attivitajiet frawdolenti mressqa quddiem il-qorti? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika kif.	
L-awtorità kompetenti hija infurmata b'każijiet dwar attivitajiet frawdolenti solvuti barra mill-qorti? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika kif.	
L-awtorità kompetenti tiġi infurmata dwar il-verdett tal-kawżi tal-qorti dwar attivitajiet frawdolenti? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika kif.	

12.3 Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika l-informazzjoni li ġejja dwar attivitajiet frawdolenti sa fejn taf l-awtorità kompetenti involuta fl-implimentazzjoni tal-EU ETS fl-Istat Membru tiegħek:

— in-numru ta' investigazzjonijiet imwettqin fil-perjodu ta' rapportar (inklużi dawk li għadhom għaddejjin);

— in-numru ta' każijiet imressqin il-qorti fil-perjodu ta' rapportar;

— in-numru ta' każijiet solvuti barra l-qorti bla kundanna u n-numru ta' każijiet li wasslu għall-ħelsien fil-perjodu ta' rapportar; u

— in-numru ta' każijiet fil-perjodu ta' rapportar li wasslu għal kundanna li twettqet attività frawdolenti.

Informazzjoni dwar attivitajiet frawdolenti	Numru
Numru ta' investigazzjonijiet imwettqin	
Numru ta' każijiet imressqin il-qorti	
Numru ta' każijiet solvuti barra l-qorti bla kundanna u n-numru ta' każijiet li wasslu għal ħelsien	
Numru ta' każijiet li wasslu għal kundanna li twettqet attività frawdolenti	

13. **Osservazzjonijiet oħrajn**

13.1. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji dwar kwalunkwe kwistjoni oħra li qajmet tħassib fl-Istat Membru tiegħek, jew kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li tixtieq tipprovdi.

Taqsima	Informazzjoni jew kwistjonijiet oħrajn ta' tħassib
Tagħrif ġenerali	
Taqsima 2	
Taqsima 3	
Taqsima 4	
Taqsima 5	
Taqsima 6	
Taqsima 7	
Taqsima 8	
Taqsima 9	
Taqsima 10	
Taqsima 11	
Taqsima 12	

13.2. Indirizzajt il-mistoqsijiet kollha ta' darba f'dan il-kwestjonarju u aġġornajt it-tweġibiet għal dawk il-mistoqsijiet fejn relevanti? Iva/Le

Jekk le, jekk jogħġbok mur lura għall-mistoqsija kkonċernata."